Avviż Numru CCT 158/17-F

**Adelaide Fenech**

**vs**

**Telezone**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u għoxrin ewro (€220), rappreżentanti prezz ta' mobile phone illi wara li ħaditu għat-tiswija, irriżulta li kellu aktar ħsarat.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet daħlet is-sim card ħażin fil-mobile phone, u kienet għamlet xi ħsarat fil-ħadida ta' ġewwa tal-mobile phone u għalhekk ħaditu għat-tiswija. Illi wara li ġie lura rriżulta li mbagħad kellu iktar problemi u ma baqax jaħdem.

It-Tribunal, jinnota li l-ħsara li għamlet ir-rikorrenti ma kinitx tikkawża dawk il-ħsarat li lmentat wara li ħaditu għat-tiswija, pero' jidher li dawk il-ħsarat irriżultaw waqt li kien għand l-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u kif ukoll ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-Talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u għaxar ewro (€110), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, u b'dan illi l-mobile phone jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**